# ĦAMSIN SENA ILU...

minn KAN. DUN LAWRENZ BONNICI



*Il-bidu tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' S. Lawrenz quddiem il-Parroċċa ta' Bormla – Il-Ħadd 30 ta' Lulju, 1944.*

Kif sirt segretarju tal-Kapitlu tal-Kollegjata tagħna, il-Kan. Joe Bugeja għaddieli l-ktieb tal-minuti hekk imsejjaħ "Atti Kapitulari". Fil-qoxra tiegħu hemm imniżżla s-sena 1944. Ħamsin sena ilu...

Fl-ewwel paġna sibt dawn il-kliem bil-Latin: "Congregatio Generalis habita domi S. Joseph in terra Hamrun Die XXIII Februarii Anni MCMXLIV. Hora 9.00am" (Laqgħa Ġenerali li saret fid-Dar San Ġużepp il-Ħamrun fit-23 ta' Frar 1944 fid-9.00am). Għaliex il-Laqgħa tal-Kapitlu saret il-Ħamrun? Qallibt l-Atti Kapitulari ta' qabel u sibt li l-aħħar Laqgħa li saret fl-Awla kienet tal-15 ta' Diċembru 1939 li fiha il-Kjeriku Lawrenz Zammit li sar Kanonku għamel l-istqarrija tal-fidi. Erba' snin u xahar il-kapitlu qatt ma ltaqa' formalment. Hekk jidher. Xejn ma hemm imniżżel fl-Atti Kapitulari. X'ġara...? It-Tweġiba tagħtiha l-Istorja ta' Malta.

Meta Mussolini fl-10 ta' Ġunju 1940 minn fuq ir-Radju kien iddikjara gwerra kontra l-Ingilterra, Malta kollha bdiet tistenna l-ewwel attakk. Infatti l-għada għall-ħin tas-sebgħa neqsin ftit minuti daqqet is-sirena. Il-gwerra f'pajjiżna kienet bdiet. Kienu għaddew tliet mija u ħamsa u sebgħin sena mill-aħħar gwerra ta' l-Assedju l-Kbir li fih il-Birgu kellu sehem kbir. Ir-Rivoluzzjoni kontra l-Franċiżi kienet aktar rivoluzzjoni milli gwerra. Wara ftit ħin niżlu l-ewwel Bombi fuq Kalafrana, id-Dockyard u l-Kottonera, il-Furjana u Ħaż-Żabbar. F'dik il-ġurnata saru tmien attakki. L-agħar wieħed kien dak tas-7.30pm. Qam paniku kbir. Il-pjazza tal-Birgu mtliet bin-nies, wara ftit kienet issaltan ħemda kbira u tal-biża'. Lawrence Mizzi fil-ktieb tiegħu "Dħaħen tal-gwerra", jiddeskrivilna kif hu u ħutu għaddew l-ewwel lejl fil-Birgu. "Dik l-ewwel ġurnata tal-gwerra għaddejnieha ġewwa, barra ma kontx

tilmaħ ruħ. Meta resaq il-lejl, għidna r-Rużarju u xi talb ieħor għall-paċi u morna norqdu... taħt il-mejda tal-pranzu." L-għada ħafna nies telqu lejn qrabathom f'postijiet oħra mxerrda ma' Malta u Għawdex. Beda l-Exodus mill-Birgu. Ma kontx tisma' fit-triq ħlief tfal jibku. Ħafna nies kienu jgħidu r-Rużarju tul it-triq kollha. Karozzini, roti u ħafna karrettuni kienu ħerġin mill-Mina. Fi żmien erbat ijiem fil-Birgu minn popolazzjoni ta' 7,000 ruħ kien baqa' biss ftit mijiet. Is-Saċerdoti u l-Kanoniċi wkoll xterdu. Baqgħu biss il-Vigarju Kurat Pawlu Galea li wara sar Arċipriet fl-1942 u l-Viċi Dun Anton Caruana li wara mar l-Imsida. Dik is-sena l-Festa ta' San Lawrenz ma saritx. S'issa fil-Birgu ma tantx saret ħsara. Iżda l-wasla ta' l-"Illustrious" li ġiet sorġuta taħt l-Isla bidlet kompletament il-fisjonomija ta' din il-belt.

Kien il-Ħamis 16 ta' Jannar 1941, ir-Rediffusion beda javża illi, malli jdoqq is-sirena kulħadd kellu jidħol fix-shelter. Kienet waslet is-siegħa. Ir-Radar ftit qabel is-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar immarka numru kbir ta' ajruplani resqin lejn Malta. Ftit tal-ħin wara bdiet waħda mill-ikbar battalji li qatt rat Malta. It-tisfira ta' l-iStukas Ġermaniżi u twerżiq tal-bombi instemgħu ma kullimkien. Kienet dehra tal-biża' qalli wieħed anzjan: "Nirien, dħaħen, sparar tal-ġenn, ajruplani jaqgħu, bombi niżlin bħax-xita u sħab iswed fuq l-Isla u l-Birgu." Monsinjur Pawlu Galea jirrakkonta: "Mort nistkenn taħt il-Kampnar... wara ftit ntlaqtet is-sagristija u l-Awla Kapitulari, mietu aktar minn 30 ruħ. Qamet konfużjoni kbira. Jiena ħriġt malajr nagħti l-assoluzzjoni. Smajt krib u għajjat fil-Kor. Morna niġru u sibt ħerba." Il-Ħadd 19 ta' Jannar saret battalja qalila oħra fl-ajru u l-Kottonera reġgħet kienet il-mira ta' l-għadu. Il-Birgu ġojjel ta' l-istorja tagħna reġa' daħal għat-tieni darba fl-istorja tal-Mediterran.

Wara dawn l-atakki l-Knisja tagħna tilfet ħafna opri; il-linef tal-kristall u ħafna kotba li kienu fl-Arkivju ġew meqruda. Il-Pittura ta' "S. Lorenzo in solio" li ġabu l-Kavallieri minn Rodi spiċċat ukoll u ħafna opri oħra.

L-istatwa ta' San Lawrenz mimlija kollha trab ġiet meħuda mis-sinjuri Frans Gatt u Geraldu Barbara fid-dar ta' l-Induratur Lorenzo Gatt, numru 43 Triq il-Kwartier, taħt l-Armerija. Erba' t'ijiem wara l-aħwa Ġużeppi u Lorenzo Dalmas ħaduha fil-Knisja ta' San Pietru tas-sorijiet Benedittini l-Imdina. Il-Festa ta' San Lawrenz din is-sena saret hemmhekk. Mentri l-festa tas-sena 1942 saret fil-Kolleġġjata ta' San Pawl ir-Rabat. F'din is-sena l-istatwa ħelsita ħafif għaliex matul il-lejl bomba waqet fuq il-Monasterju tal-Benedittini. Is-sena 1943 kienet is-sena tat-tama. Għat-Tieni darba fl-istorja ta' Malta il-qanpiena ta' Sant'Anġlu u l-qniepen ta' San Lawrenz daqqew mota ta' ferħ biex iħabbru l-waqa' ta' Tunes. Warajhom, wara tlett snin sħaħ ta' silenzju, daqqew il-qniepen kollha ta' Malta. Kienet il-ġurnata tat-8 ta' Mejju 1943. F'din is-sena l-festa saret fil-Kappella ħdejn l-Għassa tal-Pulizija ġewwa Couvre Porte.

Wara li ċediet l-Italja, il-ħajja fil-Birgu reġgħet bdiet tmur għan-normal. F'dan iż-żmien Monsinjur Gonzi sar Arċisqof ta' Malta. Huwa ħeġġeġ lis-saċerdoti jirritornaw fil-parroċċi tagħhom. Għalhekk il-Kapitlu beda jieħu ħsieb li jiftaħ il-Knisja. Il-Kwadru Titulari tal-Mattia Preti reġa' tqiegħed f'postu flimkien mal-Pulptu u sar tindif mal-Knisja kollha.

Wara erba' snin sħaħ reġa' beda jiltaqa' l-Kapitlu. L-ewwel laqgħa saret fid-Dar ta' San Ġużepp il-Ħamrun nhar it-23 ta' Frar 1944 fid-9.00am. Saret oħra fil-Kunvent ta' Santu Wistin ir-Rabat fit-23 ta' Mejju 1944. F'din il-Laqgħa ġiet diskussa l-Festa ta' San Lawrenz. Inħatar Kumitat organizzattiv. Delegati tal-Kapitlu kienu l-Arċipriet P. Galea, il-Kan. L. Micallef u l-Kan. L. Zammit. Bħala Maestro di Cappella għall-festa ġie magħżul il-Kan. Refel Mazzelli li kelli jdoqq il-Mużika ta' Fenech. Ġie deċiż ukoll li jingħata salib pettorali tad-deheb lill-Arċisqof Gonzi fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta. L-ewwel Kapitlu li sar il-Birgu wara l-gwerra kien nhar it-2 ta' Lulju 1944 fl-Oratorju ta' San Ġużepp. U fis-16 ta' l-istess xahar sar ieħor li fih ġie deċiż li l-Istatwa ta' San Lawrenz tiġi mil-Imdina għall-Knisja kolleġġjata ta' Bormla u wara tittieħed il-Birgu f'forma ta' pellegrinaġġ fit-30 ta' Lulju. Għalhekk delegazzjoni tal-Kapitlu ffurmata mill-Arċipriet Galea, il-Kan. L. Micallef u l-Kan. L. Zammit marru Bormla jitkellmu mal-Kapitlu ta' l-istess Belt.

Fl-atti kapitulari tat-23 ta' Lulju nsibu l-programm kollu li kellu jsir kemm għall-miġja ta' l-Istatwa kif ukoll għall-Festa ta' San Lawrenz tas-sena 1944.

Fil-Gazzetti kollha sar appell biex il-poplu jieħu sehem f'pellegrinaġġ li kellu jsir fit-30



*Il-wasla ta' San Lawrenz f'Misraħ ir-Rebħ - 30 ta' Lulju, 1944.*

ta' Lulju. Fit-Tieni paġna tal-Berqa tat-28 ta' Lulju 1944, b'ittri kbar insibu dan it-titlu: "Daħla Trijonfali tal-vara ta' San Lawrenz – Sejħa lin-nies tal-Birgu." Kien il-Ħadd, 30 ta' Lulju 1944, minn kmieni wara nofs inhar il-Vittorjosani mxerda ma' Malta u Għawdex ġew bi ħġarhom min fil-Knisja ta' Bormla u oħrajn f'dik tal-Birgu. Fil-ħamsa ta' wara nofs inhar il-Kapitlu u l-Kleru ma ġemgħa kbira ta' nies ħarġu proċessjonalment għall-knisja ta' Bormla fejn ġew milqugħa mir-Reverendissmu Kapitlu ta' dik il-Kolleġjata.

L-Istatwa ta' San Lawrenz li kienu ġabuha qabel mill-Imdina b'mod privat kienet tinsab taħt in-navata ċentrali. Billi l-pedestal tal-fidda tkisser fit-tiġrif tal-gwerra, San Lawrenz ġie mpoġġi fuq il-pedestal ta' San Ġużepp ta' Bormla. Dan il-pedestal tal-fidda nħadem fl-1903 fuq disinn ta' Fonzu Pace u sewa madwar 585 lira maltin ta' dak iż-żmien. Wara l-gwerra ġie msewwi mis-Sur Pace Feroud ta' Bormla. Fil-5.30pm il-purċissjoni taħt forma ta' pellegrinaġġ bdiet ħierġa mill-Knisja. Hija għaddiet mit-triq ta' Santa Tereża u daħlet mit-tlett bibien tal-Birgu, għat-triq ewlenija tal-Mina l-kbira għal ġol-pjazza.

Wara erba' snin ta' turufnament li x-xbieha glorjuża tal-patrun tal-Birgu ħtieġilha titbiegħed minħabba l-qilla tal-bombi, San Lawrenz reġa' daħal ġewwa daru. Dun Ġwann Camilleri qalli li jiftakar tajjeb f'dik ix-xena kommoventi. San Lawrenz fil-pjazza, bit-Torri ta' l-arloġġ u djar imġarrfa. Nies jibku bil-ferħ għax qalu: "issa nafu li spiċċat il-gwerra għax San Lawrenz qiegħed magħna." Oħrajn imnikkta jiftakru fl-għeżież mejta tagħhom. Il-Knisja bil-koppla mwaqqa, kienet mimlija bin-nies. Kif tfaċċa San Lawrenz fil-bieb, il-poplu f'delirju ta' ferħ beda jgħajjat u jċapċap u jgħajjat "Viva San Lawrenz". Kienet l-ewwel darba li l-poplu tal-Birgu għajjat u ċapċap fid-dħul tal-vara. U dan baqa' jsir kull sena b'tifkira ta' din il-ġrajja. Wara l-Arċipriet Galea għamel diskors ta' l-okkażjoni u tkanta it-Te Deum bħala ringrazzjament lil Alla. Dik is-sena saru festi kbar. Il-Priedka tan-novena saret minn Patri Lawrenz Gatt O.P. It-Translazzjoni u l-Primi Vespri saru mill-Arċisqof Gonzi. Wara ġie mogħti salib pettorali tad-deheb. Illum dan is-salib qiegħed fuq San Lawrenz. Fl-10 ta' Awissu l-Isqof Emm. Galea qaddes il-quddiesa tas-7.00am. Il-Pontifikal sar mill-Arċisqof u fih niseġ il-paniġirku il-Kan. Lawrenz Zammit. Kienu ħadu sehem dawn il-Baned: Duke of Edinburgh tal-Birgu, Beland taż-Żejtun, Unjoni ta' Ħal-Luqa, San Ġorġ ta' Bormla u San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar.

Il-mixja taż-żmien ma tieqafx u meta nara fl-atti Kapitulari dawk l-ismijiet ta' kanoniċi niftakar fil-ħidma tagħhom flimkien ma tant Vittorjożani għall-ħidma li wettqu b'risq il-Knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz u l-Belt Vittoriosa.

Is-Snin jgħaddu... minn dawn il-ġrajjiet għaddew ħamsin sena.

**Referenzi:**

Atti Kapitulari - Vol I u Vol II
Bugeja Lino - Birgu, a maltese maritime city Vol. II
Ganado Herbert - Rajt Malta tinbidel Vol. III
Il-Berqa - 28/7/44
Mizzi Lawrence - Dħaħen tal-Gwerra
Zammit Gabaretta Can.A. - The Church of the Grand Master and Inquisitors
Zammit Gabaretta Can.A. - L-Insinji Kolleġġjata u l-Kapitlu tal-Belt Vittoriosa